# The Magic of Christmas Markets
# Poland, Krakow



**Validu sal-5 ta' Sett**

## PREZZ KULL PERSUNA
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

**Skontat**

Kamra ta' tlett persuni ............. €780
Kamra żewġ persuni .................. €785
Kamra ta' persuna waħda .......... €950
Tfal sa 11-il sena f'kamra
ma' żewġ adulti ........................ €625

## PREZZ JINKLUDI
- Titjira Ryanair, Malta-Krakow- Malta
- 20 Kgs Bagalja
- 4 t'iljieli - Hotel Logos 3 star fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

## PREZZ MA JINKLUDIEX:
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom*
*Staqsi għall-Kundizzjonijiet Generali.*

## 01 - 05 TA' DIĊEMBRU 2025

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Auschwitz, Salt Mine, Wadowice, Krakow, Zakopane**

### IT-TNEJN 01 TA' DIĊEMBRU
Niltaqgħu l-ajruport fl-04.00 għat-titjira FR7114 li ttir fis-05.45 u naslu Krakow fit-08.25 Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna **Krakow city tour** biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nisbu ġewwa din il-belt. Wara flimkien mat-tour leader inżuru l-famuż Christmas Market. Nibqgħu sejrin lejn il-Hotel Logos fiċ-ċentru ta' Krakow. Sistemazzjoni tal-kmamar.

### IT-TLIETA 02 TA' DIĊEMBRU
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru s-**Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. (Entraturi extra)

### L-ERBGĦA 03 TA' DIĊEMBRU
Eskursjoni ta' nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau,** fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz - Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom (entrance extra) Nirritornaw lura Krakow u ħin liberu biex tkomplu tgawdu din il- belt sabiħa.



### IL-ĦAMIS 04 TA' DIĊEMBRU
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane f'atmosfera festiva** u **Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski - triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane . Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.

### IL-ĠIMGĦA 05 TA' DIĊEMBRU
Breakfast,u ħin liberu. Wara tluq lejn **Wieliczka Salt Mines** (ent extra), magħrufa wkoll bħala the under ground Salt Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Wara Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7141 li ttir fit-22:05 u naslu lura fid- 00:45.